GVERN TA' MALTA

SEM
Servizzi Ewropej f'Malta

FONDI.eu

# PROGRAMM TA' FONDI EWROPEJ GĦAL MALTA

# 2021-2027

Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura

## Għajnuna għat-tibdil jew il-modernizzazzjoni ta' magni ta' bastimenti tas-sajd

Prijorità 1 SO 1.2

Ikkofinanzjat mill-Unjoni Ewropea

## Kriterji ta’ Eliġibiltà u Selezzjoni:

- **Eliġibiltà –** assessjar li jiżgura li kull applikazzjoni tilħaq ir-rekwiżiti minimi biex tkun tista tgħaddi għall-fażi tal-għażla.

- **Selezzjoni –** kriterji bil-għan li jistabilixxu jekk il-proġett sottomess huwiex konformi mal-istrateġija tal-Programm tal-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura flimkien mal-miri u l-objettivi tiegħu.

# Kriterji ta' Eliġibiltà

- ✓ Applikazzjoni
- ✓ Eliġibiltà tal-Benefiċjarju
- ✓ Kapaċità tal-benefiċjarju
- ✓ Benfiċjarju konformi mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd
- ✓ Il-Proġett imwettaq fit-territorju eliġibbli tal-Programm tal-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura

## Kriterji ta' Eliġibiltà

- ✓ Verifikazzjoni tal-Ko finanzjament (fejn applikabbli)
- ✓ Il-proġett propost jagħti kontribut lil objettivi speċifiċi taħt Artiklu 14 (1)(a) jew (1)(b) tar-regolament tal-EMFAF
- ✓ Min ser ikun qed jimplimenta il-Proġett (sajjied self-employed)
- ✓ Fażi ta' l-Operat
- ✓ Konformità ma' Artiklu 11 tar-regolament tal-EMFAF (
- ✓ Konformità ma' Artiklu 13 tar-regolament tal-EMFAF (2021/1139)
- ✓ Konformità ma' Artiklu 18 tar-regolament tal-EMFAF

# X’tikkonsisti din l-iskema?

- L-iskema ta’ għajnuna għat-tibdil jew il-modernizzazzjoni ta’ magni ta’ bastimenti tas-sajd għandha l-għan li tassisti lis-sajjieda jinvestu f’magni iktar nodfa u effiċjenti li jwasslu għal tnaqqis ta’ fjuwil u emissjonijiet ta’ karbonju li jsaħħu l-isforzi ta’ Malta fil-promozzjoni ta’ ambjent marittimu aktar nadif.

# Liema sidien ta’ bastimenti tas-sajd jistgħu japplikaw?

- Irid ikollu liċenzja MFA jew MFB mingħajr punti ta’ penali fuqha fis-sentejn ta’ qabel tiġi sottomessa l-applikazzjoni;
- Irid ikun konformi mal-liġijiet marittimi;
- Ma jkunx wettaq ksur serju (serious infringement) tal-liġi marittima u ambjentali filwaqt;
- Irid ikollu bastiment li jkun ilu rreġistrat fl-Unjoni Ewropea fil-5 snin ta’ qabel is-sena li tkun sottomessa l-applikazzjoni;
- Irid ikun wera li agħmel l-ammont minimu ta’ 60 ġurnata ta’ sajd fis-sentejn ta’ qabel id-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni;
- Irid ikollu bastiment li jopera f’segment tal-flotta bilanċjat, u
- Bastimenti twal sa 24 metru.



40% għajnuna tan-nefqa eliġibbli totali tal-proġett

## X'inhu eliġibbli u mhuwiex eliġibbli?

a) Għal bastimenti tas-sajd kostali fuq skala żgħira, il-magna ġdida jew modernizzata ma tistax tkun aktar b'saħħitha, f'termini ta' kW, mill-magna attwali; u

b) Għal bastimenti b'tul totali sa 24 metru, il-magna l-ġdida jew modernizzata ma tistax tkun aktar b'saħħitha, f'termini ta' kW, mill-magna attwali u trid tarmi mill-inqas 20% inqas emissjonijiet ta' karbonju meta mqabbla mal-magna attwali.

Servizzi Ewropej f'Malta

FONDI.eu

# Hemm xi obbligi ladarba wieħed jirċievi l-għajnuna?

Wara li jingħata l-għajnuna, is-sajjied irid jiżgura li ma jwettaqx ksur serju (serious infringement) tal-liġi marittima matul il-ħames snin ta' wara li jitlesta l-proġett.

L-Awtorità ta' Ġestjoni tibqa' tagħmel moniteraġġ matul dan iż-żmien sabiex tassigura li s-sajjied baqa' konformi mal-liġi marittima.

Matul il-ħames snin ta' wara, is-sajjied ma jkunx jista':

- Iwaqqaf jew jittrasferixxi l-operat tiegħu barra l-gżejjer Maltin;
- Jittrasferixxi jew ibigħ il-bastiment/i tiegħu lil terzi persuni; u
- Jagħmel bidla sostanzjali li taffettwa n-natura, l-objettivi jew il-kundizzjonijiet ta' implimentazzjoni tal-proġett li tirriżulta fl-imminar tal-objettiv oriġinali tiegħu

F'każ fejn dan isir, l-applikant ikun obbligat li jrodd lura l-għajnuna kollha li jkun irċieva.

Il-perjodu ta' ħames snin jibda jgħodd mill-mument li l-Awtorità ta' Ġestjoni tiddikjara l-ispiża tal-investiment li sar lill-Kummissjoni Ewropea.

Servizzi Ewropej f'Malta

FONDI.eu

# L-Applikazzjoni:

L-applikazzjoni tista' tiġi mniżżla mis-sit:

https://fondi.eu/programme/european-maritime-fisheries-and-aquaculture-fund/



# Dokumentazzjoni li trid tkun sottomessa:

| |
|---|
| Formola tal-Applikazzjoni waħda oriġinali, iffirmata u datata (inkluża kopja ta' kwalunkwe dokumentazzjoni ta' sostenn u annessi) ippreżentata b'mod elettroniku – ***Obbligatorja*** |
| Liċenzja tal-Bastiment tas-Sajd – *Meħtieġa* |
| Ċertifikat tar-Reġistru (Trasport Malta) – *Meħtieġ* |
| Rapport ta' Survey inkluż Ċertifikat tal-Istat ta' Navigabbiltà maħruġ minn Surveyor rikonoxxut – *Meħtieġ* |
| Evidenza dokumentarja ċċertifikata li tagħti prova tas-sid tal-bastiment u tal-magni tiegħu – *Meħtieġa* |
| F'każ li l-applikant huwa individwu privat/jaħdem għal rasu, għandha tiġi ppreżentata d-dokumentazzjoni li ġejja – *Meħtieġa biss jekk applikabbli*<br><br>1. Dikjarazzjoni mill-individwu u l-*accountant* tiegħu li tiċċertifika li hemm disponibbli likwidità li tikkomplementa l-finanzjament privat (jekk applikabbli)<br>2. Ittra ta' intenzjoni jew ittra ta' sanzjoni mill-bank, jekk is-sehem privat se jiġi ffinanzjat permezz ta' self (jekk applikabbli)<br>3. Rapport tal-Profitt u t-Telf tal-aħħar sentejn finanzjarji ffirmat mill-*accountant*<br><br>Fil-każ ta' diversi sidien tal-bastiment, id-dokumentazzjoni ta' hawn fuq għandha tiġi ppreżentata għal kull koproprjetarju. |
| F'każ li l-applikant huwa kumpanija privata, għandha tiġi ppreżentata d-dokumentazzjoni li ġejja flimkien mal-formola tal-applikazzjoni – *Meħtieġa biss jekk applikabbli*<br><br>1. Dikjarazzjoni minn rappreżentant legali u kontabilist li tiċċertifika li hemm fondi disponibbli biex jikkomplementaw il-finanzjament privat<br>2. Ittra ta' intenzjoni jew ittra ta' sanzjoni mill-bank, jekk is-sehem privat se jiġi ffinanzjat permezz ta' self jew ekwivalenti.<br>3. Rapporti finanzjarji awditjati tal-aħħar sentejn finanzjarji |

| |
|---|
| F’każ li l-applikant huwa kumpanija start-up fl-ewwel sena tal-operat tagħha, għandha tiġi ppreżentata d-dokumentazzjoni li ġejja flimkien mal-formola tal-applikazzjoni – *Meħtieġa biss jekk applikabbli*<br><br>1. Dikjarazzjoni minn rappreżentant legali u kontabilist li tiċċertifika li hemm fondi disponibbli biex jikkomplementaw il-finanzjament privat<br>2. Ittra ta’ intenzjoni jew ittra ta’ sanzjoni mill-bank, jekk is-sehem privat se jiġi ffinanzjat permezz ta’ self jew ekwivalenti. |
| F’każ li l-applikant huwa kumpanija *start-up* fit-tiena sena tal-operat tagħha, għandha tiġi ppreżentata d-dokumentazzjoni li ġejja flimkien mal-formola tal-applikazzjoni – *Meħtieġa biss jekk applikabbli*<br><br>1. Dikjarazzjoni minn rappreżentant legali u *accountant* li jiċċertifika li hemm fondi disponibbli biex jikkomplementaw il-finanzjament privat<br>2. Ittra ta’ intenzjoni bankarja jew ittra ta’ sanzjoni bankarja, jekk sehem privat se jiġi ffinanzjat permezz ta’ self |
| Stima Waħda (1) jew Tliet (3) Stimi għall-ispejjeż li għandhom jitħallsu kif applikabbli – ***Obbligatorja*** |
| Approvazzjoni bil-miktub mid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura f’każ ta’ kwalunkwe modifika fil-buq – *Meħtieġa biss jekk applikabbli* |
| Applikazzjoni bil-miktub mid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura għas-sostituzzjoni jew il-modernizzazzjoni ta’ waħda mill-magni tal-bastiment – *Meħtieġa* |
| 3 ritratti bil-kulur ta’ kull magna, abbord il-bastiment tas-sajd, li juru b’mod ċar il-mudell, il-manifattur, u n-numru tas-serje tal-magna - *Meħtieġa* |
| Prova fotografika tal-istat tal-bastiment qabel l-investiment – *Meħtieġa biss jekk applikabbli* |
| Kwalunkwe dokumentazzjoni ta’ sostenn |

## SEM u Assistenza Individwali:

Servizzi Ewropej Malta (SEM) se jkunu qed joffru servizz ta' għajnuna b'xejn fil-preparazzjoni tal-applikazzjoni.

Wieħed jista' wkoll jirrikorri għal konsulenti privati li huma approvati mill-Awtorità ta' Ġestjoni biex jipprovdu għajnuna qabel u waqt l-implimentazzjoni tal-proġett. L-għajnuna li tingħata minn konsulenti f'din il-lista tkun parzjalment koperta mill-fondi Ewropej.

L-ispiża ta' konsulenza oħra li ma taqax taħt xi waħda mill-għajnuna msemmija hawn fuq, trid tiġi koperta mill-applikant innifsu.

# Reġistrazzjoni għal portal tal-applikazzjoni:

Wieħed jista’ jirreġistra għall-portall ta’ l-applikazzjoni minn din il-ħolqa:
https://sfd.gov.mt/userregistration/



# Sottomissjoni tal-applikazzjoni:

Wieħed jista' jissottometti l-applikazzjoni fuq is-sistema tal-SFD permezz tal-kont tal-E-Id minn din il-ħolqa:
https://sfd.gov.mt/application/Login.aspx



# Ikkuntattjana:

Funds and Programmes Division
The Oaks Business Centre, Block B,
Triq Farsons,
Ħamrun, HMR 1321

Tel: +356 2555 2555
E-mail: fondi.eu@gov.mt
Website: fondi.eu

Servizzi Ewropej Malta
280, Triq Ir-Repubblika,
Il-Belt Valletta VLT 1112,

Tel: +356 2779 7300
E-mail: info.sem@gov.mt
Website: sem.gov.mt

GVERN TA' MALTA

SEM Servizzi Ewropej f'Malta

FONDI.eu

# GRAZZI

Ikkofinanzjat mill-Unjoni Ewropea